MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1651/2002

**Anthony Zerafa Gregory
Vs
Renald Abela**

**It-Tribunal**

Wara li ra l-avviz tat-talba ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm 247.00c (mitejn u sebgha u erbghin lira Maltin) rappresentanti ghall-kollizjoni autombilistika li sehhet fl- 10 ta' Dicembru, 2001 f'Triq il-Karmelitani, Balluta San Giljan, bejn il-vettura pparkjata HAL 353 proprjeta ta' l-attur u l-vettura CAO 936 misjuqa mill-konvenut u dan minhabba traskuragni, negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Ghalhekk it-Tribunal ghandu jikkundanna l-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn sebgha u erbghin lira Maltin jew somma ohra verjuri; (Lm247.00c) in linja ta' danni sofferti mill-attur fl-incident automobilistiku fuq imsemmi.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ddikjara l-ewwel talba tal-attur ghandha tigi michuda stante li l-eccipjent ma kienx involut f' kollizjoni mal-vettura tal-attur. Ghalhekk l-attur ma jistax iressaq talba ghal-dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-eccipjent fl-incident awtomobilistiku de quo.

It-tieni talba tal-attur ghandha ghalhekk tkun respinta ghaliex fejn jikkoncerna lill-eccipjent ma hemmx danni x' jigu likwidati favur l-attur.

Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur l-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' ix-xhieda w ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi l-kwistjoni kollha tar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza tinsab impernjata fuq il-attendibilita tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet u l- verosimilita tal-akkadut.

L-attur, martu Yvonne Zerafa Gregory u xhud okulari Carol Micallef xehdu li raw lit-trakk misjuq mill-konvenut jew jahbat fil-vettura tal-attur jew raw l-istess vettura toghla meta milquta mill-istess trakk. Bhala daqqa kienet minima. Ma tinhassx minn vettura bhal trakk bhal dak misjuq mill-konvenut. Bhala presenza, il-konvenut ma jinnegax li ghamel konsenja lill-attur. L-allegat incident issuccieda fil-mument tat-tluq.

Jekk fl-aghar ipotesi, l-attur u martu kellhom interess vestit li jakkordaw ir-responsabbilta lil-konvenut ghax il-vettura tappartjeni lilhom, zgur pero' Carol Micallef hija deus ex machive u res interalios acta. Ma kellha l-ebda interess fil-kollizzjoni, sempliciment ghamel att sammaritan.

Inoltre, jigi ribadit li l-oneru tal-attur huwa li jipprova l-allegazzjoni tieghu fuq bazi ta’ bilanc ta’ probabilitajiet. Fic-cirkostanzi odjerni hija l-ferma opinjoni tat-Tribunal li dan id-dovut gie minnhu esegwit. Relattivament ghad-danni, dawn ma gewx kontrastati mill-konvenut anzi gew sodisfacentement pruvati mill-istess attur.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici, jiddikjarah unikament responsabbli ghal-incident tal-10 ta' Dicembru 2001, u tikkundannah ihallas is-somma ta’ mitejn u sebgha u erbghin Lira Maltin (Lm247) in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tas-sentenza, kontra l-istess konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------